uhm

VOICE OF THE WORKERS

www.uhm.mt



# PROPOSTI GĦALL-BUDGET 2025



# WERREJ


Ekonomija ..... 3
Għoli tal-Ħajja ..... 6
Tnaqqis fil-Piż tat-Taxxi ..... 8
Free Riders ..... 12
Mekkaniżmu għall-Familji Vulnerabbli ..... 14
Ġlieda Kontra l-Prekarjat ..... 16
Equal Pay for Work of Equal Value ..... 18
Anzjani ..... 20
Bilanċ Aħjar Bejn Xogħol u Familja ..... 23
Edukazzjoni ..... 26
Ambjent ..... 28
Enerġija ..... 31
Saħħa Mentali ..... 33
Trasport ..... 35
Appoġġ lil Persuni b'Diżabilità ..... 38
Inizjattivi għaż-Żgħażagħ ..... 40



# EKONOMIJA

Il-UHM Voice of the Workers ittenni l-ħtieġa li jkun diskuss bis-serjetà pjan għal tkabbir ekonomiku li jirrispetta l-karatteristiċi ta' pajjiżna. Issa jidher ċar li l-mudell ta' tkabbir ekonomiku li applikajna mill-2013 ibbażat fuq it-tkabbir tal-popolazzjoni mhux sostenibbli għax qed ibaxxi l-kwalità tal-ħajja. Għalhekk għandhom jittieħdu dawn il-miżuri:

- Studju biex ikun stabbilit kemm għandha tkun il-popolazzjoni ta' Malta bl-infrastruttura preżenti (f'termini ta' enerġija, servizzi essenzjali bħall-ilma, drenaġġ, trasport, saħħa pubblika u edukazzjoni). Dan hu pass kruċjali għax mingħajr din l-informazzjoni kull miżura li tista' tittieħed se tfalli.
- F'każ li jirriżulta li l-infrastruttura preżenti mhux qed tlaħħaq għandu jitfassal pjan tal-investiment meħtieġ.





- Ħaddiema barranin iridu jieħdu kors fil-Malti u/jew Ingliż, iżda dawk li jaħdmu f'servizzi essenzjali iridu jkunu jafu jikkomunikaw b'Malti bażiku bil-fors.
- Fuq l-investiment pubbliku li hu strettament fil-qasam soċjali u edukattivi, inħeġġu lill-Gvern biex jinsisti mal-Kummissjoni Ewropea dwar il-golden rule li permezz tagħha jkun possibbli li dan l-investiment pubbliku biss u xejn aktar, ma jiżdiedx mad-dejn nazzjonali.
- Strateġija biex it-turiżmu f'Malta ma jibqax ibbażat fuq il-kwantità imma jkun hemm sforz għal turiżmu ta' kwalità.



# GĦOLI TAL-ĦAJJA



- Il-COLA u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali (bolla) m'għandhomx jiġu ntaxxati.
- F'dawk il-każi fejn iż-żieda fi ftehim kollettiv tkun tinkludi l-COLA għanhom ikunu dikjarati ċ-ċifri ta' tbassir tal-għoli tal-ħajja għal kull sena li jkopri dan il-ftehim. Jekk kemm-il darba l-COLA tkun iżjed minn dik miftehma allura tingħata d-differenza.
- Isir Household Budgetary Survey mill-ġdid biex jirrifletti r-realtajiet tal-lum u l-istil ta' konsum attwali.
- Ninsistu li tinżamm il-wegħda tal-manifest elettorali tal-Partit Laburista li fi proposta 10 kien wiegħed li "Ser inkomplu nżommu l-prezzijiet stabbli kemm jista' jkun għall-familji u n-negozji u nieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex intaffu mill-impatt tat-tibdil fil-prezzijiet ta' prodotti importati."




# TNAQQIS FIL-PIŻ TAT-TAXXI

- It-tax bands għandhom jiżdiedu minn tal-inqas bil-COLA minn meta saret l-aħħar reviżjoni. Barra minn hekk it-tax bands preżenti għandhom jiġu mibdula hekk:

| Rata Preżenti | Rata Proposta |
|---|---|
| 0% | 0% |
| 15% | 10% |
| 25% | 15% |
| 25% | 20% |
| 35% | 30% |

- Is-ceiling ta' min jaħdem part-time għal-ewwel €10,000 (taxxa ta' 10%) għandu jiżdied għal €15,000. Tali miżura għandha tapplika wkoll jekk isir part-time mal-istess employer.
- It-taxxa fuq l-overtime, on call u performance bonuses għandhom jiġu mnaqqsa u jiġu ugwali għar-rata ta' kemm jiġi ntaxxat xogħol part-time. Fl-aħħar mill-aħħar irridu nieħdu ħsieb li sigħat 'il fuq aktar mill-40 siegħa jiġu trattati bħala part-time u mhux b'rata ikbar li l-ħaddiem jiġi diskriminat minn dak li jaħdem part-time.





- Ħaddiema li jirċievu xi forma ta' ħlas ta' arretrati għandhom jiġu ntaxxati bir-rati skont is-snin li tali ħlasijiet ikunu qed ikopru. Dan għandu jibdel is-sistema preżenti li kull ħlas jiġi magħdud mal-qliegħ li jsir f'dik is-sena partikolari bil-konsegwenza li jista' jwassal għal ħlasijiet żejda ta' taxxa.
- Preżentement werrieta li ma jkunux l-ulied jeħlu taxxa tal-causa mortis fuq kwalunkwe proprjetà immobbli inkluż dik residenzjali. Barra minn hekk, jekk din ma titħallasx fi żmien sena, qed jeħlu interessi għal kull sena oħra li tgħaddi. Għalhekk għandu jkun hemm eżenzjoni mill-interessi fuq causa mortis fuq proprjetà li kienet residenzjali bil-kundizzjoni li f'tali proprjetà ma ssir ebda attività kummerċjali. Din l-eżenzjoni toħloq ġustizzja mal-werrieta peress li llum il-ġurnata dawn ma' jkollhomx biex iħallsu l-causa mortis u jispiċċaw jiddisponu minn tali proprjetà anke jekk bi prezz baxx għax ma jkollhomx alternattiva oħra bi gwadann għall-ispekulatur.
- Id-definizzjoni tal-first-time buyers għandha tinbidel biex tkun tapplika biss għal dar residenzjali u għalhekk min ikun sid ta' garaxx jew propjetà oħra mhux residenzjali bħal qabar, xorta jkun eliġibbli. L-eżenzjoni għandha titla' minn dik attwali ta' €200,000 għal €250,000.

- Preżentement it-taxxa fuq il-fringe benefits rigward l-użu tal-karozzi u r-rifużjoni tal-fuel tinħadem fuq perċentwal li jvarja skont il-prezz tal-karozza. Dan ifisser li dawk l-impjegati li jingħataw karozza elettrika qed iħallsu taxxa iżjed milli kieku għandhom l-istess vettura li taħdem bil-fossil fuel. Dan qed iseħħ minħabba li vettura li taħdem bl-elettriku għandha prezz għola meta mqabbla mal-verżjonijiet b'magna petrol jew diesel. F'dan ir-rigward għandu jkun hemm mekkaniżmu dwar kif tinħadem tali taxxa fuq fringe benefits meta l-vettura tkun waħda elettrika jew saħansitra tkun eżenti mit-taxxa ta' fringe benefits bħala inċentiv biex issir il-qalba għal vetturi elettriċi.
- Ir-rifużjoni tat-taxxa fuq spejjeż biex tfal jintbagħtu attivitajiet sportivi tiżdied minn €100 għal €300.





# FREE RIDERS

- [x] In-negozjar kollettiv qed jiġi imminat minn free riders: dawk li mhumiex membri f'union u jirkbu fuq kundizzjonijiet aħjar negozjati mill-unions. Għalhekk, għandha ssir bidla fil-liġi biex ħaddiema jkunu jistgħu jibbenefikaw biss minn ftehim kollettiv jekk ikunu membri ta' xi union tal-għażla tagħhom jew inkella jekk iħallsu l-ammont ekwivalenti tal-miżata ta' sħubija f'fond speċjali.





# MEKKANIŻMU GĦALL-FAMILJI VULNERABBLI



- L-indiċi ġdid li jiffoka fuq tliet gruppi vulnerabbli (pensjonanti, familji bi dħul baxx u koppji anzjani) kien pass pożittiv iżda nemmnu li trid tingħata iktar importanza fejn jidħlu l-ispejjeż tad-djar fl-isfond taż-żieda qawwija fil-prezz tal-materja prima u s-servizzi relatati. Barra minn hekk l-indiċi tal-prezzijiet irid jagħti piż ogħla fuq kirjiet privati kif ukoll żidiet fis-servicing costs fuq self fuq xiri ta' propjetà.
- Reviżjoni aktar regolari tal-piżijiet relattivi fl-indiċi tal-prezzijiet minħabba ż-żieda fl-ispejjeż li jista' jkun hemm bil-pakkett ta' miżuri ambjentali tal-UE, Fit for 55.



# ĠLIEDA KONTRA L-PREKARJAT

- Aktar infurzar fuq postijiet ta' xogħol minn naħa tal-Jobsplus u DIER biex jkun miġġieled il-prekarjat kif ukoll biex jassiguraw li l-ħaddiema jitħallsu b'rati skont il-liġi u ma jiġux sfruttati.
- Il-mudell tal-koperattivi soċjali għandu jintuża biex nirregolarizzaw sitwazzjonijiet ta' mijiet jekk mhux eluf ta' ħaddiema tal-kuntratturi li huma outsourced f'entitajiet tal-Gvern.






# EQUAL PAY FOR WORK OF EQUAL VALUE

- Fejn m'hemmx ħaddiema tal-istess grad għandhom jintużaw il-pagi tas-Servizz Pubbliku li jservu bħala bażi minima għall-ħlas tagħhom. Dan għandu japplika wkoll bħala ħlas minimu jekk tali ħaddiema qed jaħdmu fil-privat u ma hemmx ftehim kollettiv.
- Il-minimu ta' sick leave għal kull ħaddiem irrispettivament f'liema settur ikun jaħdem għandu jkun mill-inqas ta' 15-il ġurnata b'paga sħiħa u 15-il ġurnata b'nofs paga.
- Għandu jsir eżerċizzju biex tissaħħaħ is-sistema fejn persuna li m'għandhiex kwalifiki iżda tkun tipprometti fis-snajja' jkollha l-opportunità biex il-ħiliet tagħha jiġu rikonoxxuti filwaqt li tkun tista' tavvanza fil-karriera.
- Tissaħħaħ is-sezzjoni ta' spettorat fi ħdan id-DIER u l-Jobs+ fid-dawl li n-numru ta' ħaddiema żdiedu fl-aħħar snin.
- Tkunu riveduta l-Work Regulation Order tat-trasport pubbliku biex is-siegħat normali tax-xogħol tax-xufiera tal-karozzi tal-linja jkunu ibbażati fuq mhux iktar minn 40 siegħa.
- Urgent family leave jitla' minn 15 għal 30 siegħa.
- Ħlas doppju fil-Ħdud għal kulħadd.





# ANZJANI

- Il-pensjoni minima nazzjonali għandha tkun daqs u mhux inqas mill-paga minima li llum hi ta' €213.54 fil-ġimgħa għal dawk li ħallsu l-bolol kollha dovuti.
- Sa mhux iżjed minn sentejn oħra trid titneħħa anomalija fil-pensjonijiet li kienet inħolqot bir-riforma tal-2006. Din kienet wasslet għal diskriminazzjoni minħabba l-età u kienet wasslet biex intilfu ammonti sostanzjali ta' ħlas ta' pensjoni lil dawk li qegħdin bil-pensjoni massima u li twieldu qabel l-1962. Biex nifhmu aħjar, fl-2023, intilfu €82 fil-ġimgħa kull pensjonant, u fl-2024 ser jintilfu €72.5 komplessivament, kull ġimgħa. Mhux sewwa li ċertu żbalji jbatuhom l-anzjani u jieħdu numru ta' snin biex ikunu rranġati. Ma' din il-miżura, wieħed ma jridx jinsa l-cost of living bonus fejn dawk li ħadu l-pensjoni mill-2009 sal-lum ukoll qed jitilfu ħafna flus. Għalhekk biex anomaliji bħal dawn ma jirrepetux ruħhom, il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani għandu jkun rappreżentat fil-Pensions Working Group.





- Jiżdied il-benefiċċju għall-anzjani li jkollhom carer id-dar (jiżdied is-ceiling).
- Żieda gradwali fil-capping tal-pensjonijiet biex ikunu iktar adegwati.
- Pensjonant għandu jgawdi mill-pensjoni sħiħa jekk jiddeċiedi li jkompli jagħti kontribut fis-suq tax-xogħol u tali pensjonant m'għandux iħallas iktar il-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali jew din tiġi mnaqqsa għal 5%.
- Għall-fini ta' pensjoni għandhom ikunu inklużi wkoll il-bolol li jkunu tħallsu f'każ li l-applikant ikun ħadem bejn is-16 u 18-il sena.
- Il-benefiċċju tal-anzjani ta' 75+ jiżdied minn €300 għal €500 fis-sena, filwaqt li dak tal-anzjani ta' 80+ jiżdied minn €450 għal €650 fis-sena.



# BILANĊ AĦJAR BEJN XOGĦOL U FAMILJA



- Għandu jitfassal pjan soċjali għas-snin li ġejjin. Dan ikollu l-iskop li jelenka prijoritajiet u miri biex il-poplu ikun jista' jaspira għall-kwalità tal-ħajja aħjar speċjalment għaż-żgħażagħ li kull ma jmur qed iħarsu 'il barra minn xtutna biex jibnu l-futur tagħhom għax mhux qed jaraw opportunitajiet f'Malta.
- Fid-dawl li l-popolazzjoni tal-Maltin qed tonqos għandha titfassal policy bl-iskop li koppji żgħażagħ jingħataw l-għajnuna meħtieġa biex jibdew familja.
- Programm ta' parenting skills u family planning għall-koppji u ġenituri żgħażagħ bl-iskop li jissaħħaħ dan in-nukleu tas-soċjetà.
- Tibdil fil-liġi biex ġenituri li t-tnejn li huma jkollhom xogħol full-time ikollhom id-dritt li xi ħadd minnhom jingħata faċilità ta' flexi-time, reduced hours u/jew telework.
- Il-liġi tal-carers leave għanda tinbidel biex dan il-benefiċċju (5 ijiem) jkun jista' jingħata kollu lill-ħaddiema kollha bħala leave imħallas.
- Jingħataw inċentivi lil dawk l-employers li jdaħħlu prattiċi ta' remote working u flexibility.
- Ħaddiema li jkunu sospiżi mix-xogħol għandhom jibqgħu jirċievu l-paga kollha sakemm jinqata' l-każ.

- Ħaddiema fuq injury leave għandhom jingħataw il-ħlas kollu li kellhom bħala take-home pay u mhux biss id-dħul bażiku. Dan għandu jinħadem abbażi tal-medja li nħadmu fl-aħħar 12-il xahar.
- Il-programm Klabb 3-16 għandu jkun estiż fl-iskejjel kollha inkluż dawk privati u tal-Knisja biex ma jkunx hemm bżonn li tfal imorru minn skola għall-oħra u għandu jinkludi wkoll kontenut extra-kurrikulari bħal sport, arti u kultura. Ir-riforma għandha ssir b'konsultazzjoni mal-Fakultà tal-Edukazzjoni bl-iskop li jkun hemm programm professjonali.
- Bereavement leave għal-ġenituri li jitilfu t-tarbija tagħhom waqt it-tqala.





# EDUKAZZJONI

- Il-wegħda ta' laptop b'xejn għall-istudenti f'livell sekondarju għadha ma saritx realtà. Tali miżura għandha tibda' mill-aktar fis sabiex l-istudenti li fil-livell ta' primarja kienu mdorrijin b'tablet ikomplu l-istudji tagħhom anke bl-għajnuna ta' apparat elettroniku li fil-ħajja tal-lum hija essenzjali.
- It-trasport kollu lejn l-iskejjel u lura għandu jinkludi supervisor biex jitnaqqsu l-każijiet ta' bullying u jkun hemm aktar sigurtà. Fejn dan qed isir diġà, is-servizz għandu jkun b'xejn għall-ġenituri.
- Iktar opportunitajiet ta' apprentistat għall-istudenti tal-MCAST u l-Università.

- Għandu jitwaqqaf ċentru ta' riċerka biex titfassal strateġija nazzjonali li tidentifika l-karrieri li se jkunu meħtieġa fil-futur bl-iskop li tingħata direzzjoni lil studenti żgħażagħ.
- Saru ħafna inċentivi sabiex l-employer iħarreġ lill-ħaddiema. Ċertu employers użaw dawn l-inċentivi u wħud minnhom le. Wasal iż-żmien li ninċentivaw lit-trade unions sabiex isiru ċentri tat-taħriġ tal-ħaddiema. Dan ifisser li l-Gvern għandu joħloq fond apposta li jiġi utilizzat mill-unions billi japplikaw għalih skont kemm joħolqu taħriġ relevanti.





# AMBJENT

- L-iskema tal-BCRS għandha tkun riformata b'tali mod li l-kontenituri jibqgħu jinġabru xorta waħda imma b'inqas inkonvenjent għall-pubbliku. Dan billi r-rifużjoni tingħata skont il-piż tal-kontenituri li jkunu nġabru. B'hekk ma jkunx hemm bżonn li l-kontenituri jingħaddu wieħed wieħed, u jkunu jistgħu jitgħaffġu biex jieħdu inqas spazju. Dan għandu jwassal biex il-proċess biex jissarfu l-kontenituri ikun iktar mgħaġġel. Fl-istess ħin għandha ssir ġabra tal-kontenituri, bieb bieb, bħala parti mill-iskeda tal-ġbir tal-iskart mid-djar. F'dan il-każ il-kolletturi tal-iskart għandu jkollhom imwieżen apposta biex jiżnu l-kontenituri u joħorġu l-voucher dak il-ħin stess. B'hekk ikunu qed jiġu moqdija dawk li ma jistgħux jew m'għandhomx il-mezzi biex imorru jsarrfu l-kontenituri fil-magni.
- Il-Gvern għandu jidentifika postijiet fejn jistgħu jiġu installati pannelli solari. Jista' jkun hemm ukoll ftehimiet ma' entitajiet privati biex jintużaw zoni privati. Il-Gvern jista' juża wkoll spazji miftuħa għall-parkeġġ fejn jistgħu jiġu installati l-pannelli.
- Il-kwistjoni tad-drittijiet solari għandha tittieħed bis-serjetà u għalhekk l-istudju li sar bejn il-Kamra tal-Inġiniera u l-Istitut tal-Enerġija Sostenibbli għandu jservi ta' bażi għal diskussjoni fil-parlament biex ikunu kunsidrati emendi fil-liġi wara konsultazzjoni pubblika.





- Żieda fi proġetti ta' rikreazzjoni għal-uliedna, f'postijiet li jinsabu mitluqa.
- Għandhom jiġu utilizzati l-ispazji t'arja fuq il-binjiet kollha tal-Gvern biex jiġu installati sistemi ta' pannelli fotovoltajċi u enerġija alternattiva.
- Tingħata rifużjoni għall-kumpaniji fis-settur privat li jinvestu biex joħolqu ambjent ta' spazji ħodor għall-impjegati.
- Miżuri biex jitħares l-ilma tal-pjan u kontrolli biex l-ammonti li jinġibdu jkunu sostenibbli.
- Il-ġbir ta' skart għandu jsir tard filgħaxija dan sabiex il-ħaddiema nvoluti ma jkunux esposti għas-sħanat kbar tax-xemx speċjalment fix-xhur tas-sajf. Barra minn hekk ir-residenti li ħafna minnhom ikunu xogħol minn kmieni filgħodu ma jħallux tali skart barra għal siegħat sħaħ bil-konsegwenzi kollha li jġib miegħu.
- Għandu jsir pjan ħolistiku ta' kif jitnaddfu it-toroq u l-ġonna b'mod regolari inkluż ħasil ta' toroq. Siti ta' kostruzzjoni għandu jkollhom l-obbligu li jaħslu z-zona tal-madwar kuljum hekk kif tispiċċa l-ġurnata ta' ħidma tagħhom.
- Għandha tiżdied il-frekwenza ta' ġbir ta' skart fil-borża s-sewda.



# ENERĠIJA

- Tagħmir biex ikejjel il-varjazzjonijiet fil-vultaġġ tal-provvista tal-elettriku (over and under voltage protection) għandu jiġi installat b'xejn fid-djar. L-istallazzjoni għandha tinkludi wkoll sistema li tippermetti li jinżamm rekord ta' kif varja l-vultaġġ f'każ li jkun hemm bżonn issir talba għall-kumpens minħabba ħsarat ikkawżati minn vultaġġ għoli jew baxx.
- Pjan biex ikun żgurat li l-ġenerazzjoni tal-elettriku tkun tiflaħ għaż-żieda fil-karozzi elettriċi fl-isfond tal-mira tal-Gvern li sal-2030 dawn jiżdiedu għal 65,000.
- Investiment biex is-sistema tad-distribuzzjoni u ċ-charging points ilaħħqu maż-żieda fil-karozzi elettriċi.
- Miżuri biex jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha possibbli f'każ ta' karozzi elettriċi li jieħdu n-nar.
- Fid-dawl li l-iskema ta' skreppjar ta' karozzi antiki qed tiġi attwata fuq xiri ta' vetturi elettriċi biss din l-għotja għandha tiżdied minn €1,000 għal €3,000





# SAĦĦA MENTALI

- Il-Gvern għandu jispjega eżattament il-viżjoni u l-pjan tiegħu dwar il-kura tas-saħħa mentali, speċjalment l-alternattivi li se jkunu offruti minflok l-Isptar Monte Karmeli li jinsab fil-proċess li jingħalaq.
- F'kull post tax-xogħol għandu jkun hemm tal-inqas ġurnata fis-sena fejn isiru attivitajiet ta' għarfien dwar il-wellbeing tal-individwu sabiex tingħata aktar informazzjoni u għarfien dwar is-saħħa mentali.





# TRASPORT

- Għandu jkun hemm ċentri apposta (hubs) f'zoni strateġiċi tal-pajjiż fejn ikun hemm faċilità ta' parkeġġ taħt l-art b'tali mod li l-kumplament tal-vjaġġ ikun jista' jsir bit-trasport pubbliku. B'hekk titnaqqas id-dipendenza fuq il-karozzi u jitnaqqas it-traffiku f'zoni iffullati. Biex dawn iċ-ċentri jkunu aktar attraenti għandhom ikunu mgħammra bi ħwienet ta' servizzi essenzjali biex jonqos il-bżonn ta' ġiri bil-karozza għal qadi bħal xiri ta' groceries. Iċ-ċentri għandhom ikunu finanzjati b'mudell ta' public-private partnership kif ukoll mill-multi li l-Awtorità tal-Ippjanar timponi fuq żviluppi li ma jipprovdux biżżejjed spazji ta' parkeġġ.
- Inċentiv lil min iħaddem biex jipprovdi trasport lill-impjegati lejn u mix-xogħol.
- Tisħiħ u investiment fir-rotot ta' trasport pubbliku biex ikun hemm servizz aħjar li jlaħħaq maż-żieda fid-domanda minħabba t-tkabbir fil-popolazzjoni.
- Pjan nazzjonali għat-trasport biex il-poplu jkollu verament mezz alternattiv flok l-użu tal-karozza privata.



- Proġetti ta' xogħlijiet fit-toroq għandhom isiru b'koordinament ma' dawk l-entitajiet li jużaw l-istess triq biex jgħaddu s-servizzi tagħhom. Barra minn hekk għandu jkun studjat jekk tali xogħolijiet isirux bla waqfien jew inkella fl-off-peak hours, bl-inqas inkonvenjent.
- Infurzar qawwi u pieni ħorox biex ikun hawn aktar dixxiplina fit-toroq.
- Il-BUS X300 għandha taħdem b'mod regolari bl-istess skeda u mhux tonqos fil-frekwenza meta jaħdem il-fast ferry





# APPOĠĠ LIL PERSUNI B'DIŻABILITÀ



- Żieda ta' 10% fil-pensjoni tad-diżabilità.
- Il-mediċini/trattamenti kollha għandhom ikunu bi ħlas jew tingħata rifużjoni tal-tal-ispejjeż.
- Tfal b'diżabilità severa li jgħixu fil-komunità għandhom jingħataw l-għajnuna biex id-dar tkun mgħammra bil-faċilitajiet li hemm bżonn.
- Għajnuna biex jissaħħu koperattivi  biex jiftħu ħwienet żgħar fil-komunità fejn jkunu jistgħu jinbiegħu prodotti magħmula minn persuni b' diżabilità u jkunu mmexxija minnhom stess.
- Investiment biex aktar bajjiet isiru aċċessibbli.



# INIZJATTIVI GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

- Programmi edukattivi għaż-żgħażagħ biex iżuru pajjiżi fl-UE fuq proġetti relatati mal-ambjent.
- Il-ħolqien ta' pjattaforma fejn iż-żgħażagħ jiddiskutu temi ta' importanza nazzjonali f'livell parlamentari u ta' istituzzjonijiet għolja.





uhm

VOICE OF THE WORKERS

**UHM Voice of the Workers**
**35, St.Thomas Street**
**Floriana, FRN 1123**

**+356 25905000**

**www.uhm.mt**